Il-Kummissjoni Ewropea

2022

Sett ta' Għodod tal-Midja Soċjali

EUROPEAN **VOCATIONAL SKILLS WEEK** 2022

#EUVocationalSkills #DiscoverYourTalent

Impjiegi, Affarijiet Soċjali u Inklużjoni

Werrej

IT-TIXRID TAL-KELMA 3

DWAR IL-ĠIMGĦA EWROPEA GĦALL-ĦILIET VOKAZZJONALI 4

IL-HASHTAGS TAL-KAMPANJA 4

INVOLVI RUĦEK 5

AMPLIFIKA L-KONTENUT TAL-MIDJA SOĊJALI TIEGĦEK 6

MUDELLI TA' POSTS U L-AĦJAR PRASSI 8

IKKUNTATTJANA 12

IT-TIXRID TAL-KELMA

Dan is-sett ta' għodod jipprovdi riżorsi u gwida biex jappoġġaw lill-partijiet ikkonċernati u lis-sħab fil-promozzjoni tal-Ġimgħa Ewropea għall-Ħiliet Vokazzjonali 2022 u fil-komunikazzjoni tal-benefiċċji tal-edukazzjoni u taħriġ vokazzjonali (VET) madwar l-Ewropa fuq il-midja soċjali.

Int tista' tipparteċipa billi tuża l-midja soċjali bil-modi li ġejjin:

AQSAM IL-MATERJALI TAL-KAMPANJA

SEGWI L-PJATTAFORMI TAL-KAMPANJA, AQSAM IL-KONTENUT U UŻA L-HASHTAGS IMNIŻŻLIN F'DAN ID-DOKUMENT

XERRED IL-KELMA F'AVVENIMENTI, INKLUŻ BILLI ITTELLA' POSTS FUQ TWITTER LIVE U BILLI TIPPOSTJA FUQ INSTAGRAM STORIES

Kompli aqra għal suġġerimenti u pariri dwar il-pubblikazzjoni ta' kontenut fuq il-midja soċjali, inklużi posts lesti u links għal riżorsi ta' kampanji li tista' tuża.

DWAR IL-ĠIMGĦA EWROPEA GĦALL-ĦILIET VOKAZZJONALI

Il-Ġimgħa Ewropea għall-Ħiliet Vokazzjonali hija inizjattiva tal-Kummissjoni Ewropea biex tagħmel il-VET propożizzjoni aktar attraenti u tgħin liż-żgħażagħ u lill-adulti jilħqu l-potenzjal sħiħ tagħhom. It-tema ta' din is-sena hija **Il-VET u t-Tranżizzjoni Ekoloġika** f'konformità mal-impenn tal-Kummissjoni Ewropea għall-Patt Ekoloġiku Ewropew – il-pjan tagħha biex issir newtrali f'termini ta' emissjonijiet tal-karbonju sal-2050 – u biex tgħammar lil kulħadd bl-għodod meħtieġa għal din it-tranżizzjoni, filwaqt li tiżgura li ħadd ma jitħalla jibqa' lura.

Fil-Qosor

Il-Ġimgħa Ewropea għall-Ħiliet Vokazzjonali 2022 se tpoġġi l-ħiliet fil-qalba tat-Tranżizzjoni Ekoloġika.

Nirriflettu: Liema ħiliet ġodda se jkollna bżonn biex niffjorixxu f'ambjent li jipproteġi r-riżorsi imprezzabbli tad-dinja? Xi rwol jista' jkollu l-VET biex jiżgura li kulħadd ikollu l-ħiliet meħtieġa għat-Tranżizzjoni Ekoloġika? Barra minn hekk, hekk kif il-pandemija tal-coronavirus tkompli tfixkel bosta forom ta' edukazzjoni, xogħol u taħriġ, il-VET jipprovdi soluzzjonijiet biex jingħelbu l-ostakli permezz tal-kisba ta' ħiliet ġodda, it-titjib tal-ħiliet u l-ħolqien ta' networks ġodda ta' kollaborazzjoni.

IL-HASHTAGS TAL-KAMPANJA

Jekk jogħġbok inkludi l-hashtags li ġejjin fi kwalunkwe kontenut rilevanti li tipproduċi, peress li dawn jippermettu lill-Kummissjoni Ewropea u lill-komunità usa' ta' partijiet ikkonċernati jinteraġixxu mal-kontenut tiegħek u jagħtu spinta lill-viżibbiltà tiegħu.

#EUVocationalSkills

għall-kontenut kollu

#DiscoverYourTalent

għal kontenut ġenerali mmirat lejn udjenza fil-mira usa'

INVOLVI RUĦEK

Modi kif tista' tinvolvi ruħek fil-Ġimgħa permezz tal-midja soċjali.

Segwina

Segwi l-kanali uffiċjali tal-Kummissjoni Ewropea fuq il-midja soċjali.

@EU_Social

@EuropeanYouthEU

@SocialEurope

@EuropeanYouthEU

@European Commission

@europeancommission

Aqsam magħna

- **Aqsam il-kontenut** mill-kanali tiegħek stess billi tuża l-hashtags tal-kampanja. Oħloq kontenut oriġinali jew aqsmu mill-kanali tagħna hawn taħt.
- **Aqsam l-istorja tiegħek** pemezz tas-sit web tal-kampanja u mbagħad tista' terġa taqsam fuq il-midja soċjali tiegħek.
- **Mur live** bl-użu ta' Snapchat, Instagram Stories jew Facebook Live.
- Tinsiex: **żomm il-kontenut tiegħek xieraq għall-ambjent tiegħu**.
- Qabel ittella' post, staqsi lill-individwi li jidhru fir-ritratti u fil-kontenut għal permess biex tuża r-ritratt u l-kwotazzjonijiet tagħhom.

AMPLIFIKA L-KONTENUT TAL-MIDJA SOĊJALI TIEGĦEK

Tinsiex il-#
L-użu tal-hashtags uffiċjali jagħmel il-kontenut tiegħek aktar viżibbli u jgħin lill-kampanja tilħaq aktar nies. **#EUVocationalSkills** hija l-aktar waħda importanti.

L-element viżiv huwa importanti
L-istampi u l-vidjows iżidu l-effettività tal-kontenut tiegħek. Fil-fatt, biex jispikkaw, il-posts tiegħek jeħtieġu elementi viżivi qawwija. Dan huwa l-aħjar mod kif tiżgura li l-udjenza tiegħek tara u tinteraġixxi mal-kontenut tiegħek.

Format viżiv
fuq Facebook, agħżel format 4:4 (kaxxa) jew 4:5 għal aktar effiċjenza. Fuq Twitter, uża format 16:9 (mimdud). Applikazzjonijiet bħal Instasize jew Inshot jistgħu jgħinuk tirranġa d-daqs tal-elementi viżivi tiegħek.

Tiddejjaqx toħloq il-kontenut tiegħek stess
Kontenut awtentiku u oriġinali dejjem jaħdem aħjar. Dan jgħin iżomm il-kampanja rilevanti.

Interaġixxi ma' kontenut ieħor ta' #EUVocationalSkills
Ikkonnettja ma' kontenut ieħor relatat ma' **#EUVocationalSkills**. Dan huwa mod tajjeb kif tibni kampanja viżibbli u siewja.

AMPLIFIKA L-KONTENUT TAL-MIDJA SOĊJALI TIEGĦEK

Skeda l-posts tiegħek
Uża għodod bħal Buffer, Hootsuite jew Later (għal Instagram biss) biex tippjana l-posts tiegħek. Dan se jagħtik l-opportunità tiskeda diversi posts f'daqqa, ħalli ma jkollokx għalfejn toqgħod tħabbel rasek dwarhom aktar tard.

Ippostja l-kontenut tiegħek fil-ħin it-tajjeb.
Filwaqt li m'hemm l-ebda formula speċifika, żewġ ħinijiet irrakkomandati biex ittella' l-posts huma 11.45 u 17.45, mit-Tnejn sal-Ħamis.

Interaġixxi mal-udjenza tiegħek permezz ta' karatteristiċi interattivi Kull pjattaforma għandha karatteristiċi li jgħinuk tinteraġixxi mal-udjenza tiegħek.

- **Instagram Stories (mistoqsijiet, votazzjoni, kwiżż)**
Oħloq l-istorja tiegħek b'vidjow jew bi stampa. Swajpja 'l fuq u agħżel karatteristika interattiva. Staqsi l-mistoqsija tiegħek jew oħloq votazzjoni.

- **Twitter (Mistoqsijiet)**
Iftaħ Twitter u agħżel il-buttuna tal-mistoqsijiet. Ikteb il-mistoqsija (u jekk hemm bżonn, it-tweġibiet). Dak kollox!





MUDELLI TA' POSTS U L-AĦJAR PRASSI

X'għandek u x'm'għandekx tagħmel fuq Twitter

X'għandek tagħmel

- Tuża elementi viżivi biex il-kontenut tiegħek jispikka aktar
- Tinkludi l-hashtags rilevanti t'hawn fuq #
- Taqsam l-aħbarijiet mis-sit web tal-EVSW
- Tuża għodda li tqassar il-links bħal bit.ly biex il-posts tiegħek ma jidhrux daqshekk twal (hi kemm hi twila l-link, Twitter jieħu 23 karattru għal-link).
- Titteggja l-kontijiet rilevanti tal-Kummissjoni Ewropea u kontijiet oħra biex tilħaq aktar nies
- Tuża l-emojis biex tagħmel il-posts tiegħek aktar interattivi. Tista' tuża bandiera ta' pajjiż meta tirreferi għal pajjiż speċifiku, il-bandiera tal-UE meta tirreferi għall-UE, trofew meta ssemmi l-premji, wiċċ jitbissem, eċċ.

X'm'għandekx tagħmel

- Tispemmja lin-nies
- Taqbeż il-limitu tal-karattri (280 karattru)
- Tinkludix il-hashtags kollha tal-kampanja f'post waħda
- Tużax aktar minn 4 hashtags f'kull post
- Tgħaqqadx kliem flimkien biex tiffranka l-ispazju. Il-messaġġ tiegħek mhux se jasal b'mod ċar

Mudelli ta' posts

Għandek bżonn xi pariri dwar kif titħarreġ mill-ġdid jew ittejjeb il-ħiliet tiegħek? Ejja għall-avveniment tagħna għall-Ġimgħa #EUVocationalSkills fi *[daħħal il-bandiera tal-pajjiż].*

L-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali jgħinuk issib xogħol aħjar. Qatt mhu tard wisq!

Lest biex #DiscoverYourTalent? 👉 Ikklikkja hawn

@EU_Social

X'għandek u x'm'għandekx tagħmel fuq Facebook

X'għandek tagħmel

- Twieġeb il-mistoqsijiet u tirrispondi fuq il-posts
- Iżżomm il-posts qosra – posts b'anqas minn 1,000 karattru jmorru aħjar.
- Taqsam l-aħbarijiet mis-sit web tal-EVSW
- Tippostja kontenut b'elementi viżivi
- Tipparteċipa f'konverżazzjonijiet li tiġi tteggjat fihom u tikkummenta fuq jew tirrikonoxxi l-post billi taqsamha jew billi tħalli like fuqi

X'm'għandekx tagħmel

- Tippromwovi lilek innifsek b'mod eċċessiv
- Tagħtix wisq informazzjoni – agħti lin-nies raġuni għal xiex għandhom jikklikkjaw fuq link għal sit web b'aktar informazzjoni

Mudell ta' post

Ninsabu eċitati li se nkunu qed norganizzaw avveniment tal-Ġimgħa #EUVocationalSkills 2022 din is-sena. Se tingħaqad magħna fi *[daħħal il-bandiera tal-pajjiż]*?

L-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali jgħinuk issib xogħol aħjar. Tista' titgħallem u tagħmel progress b'mod kontinwu, tibni l-ħiliet u l-kunfidenza. It-taħriġ vokazzjonali huwa triq tajba li twassal għal karriera ta' suċċess u sodisfaċenti.

Qatt mhu tard wisq biex titgħallem! Jekk lest biex #DiscoverYourTalent, ikklikkja hawn

#EUVocationalSkills @Social Europe

X'għandek u x'm'għandekx tagħmel fuq Instagram

X'għandek tagħmel

- Tippostja elementi viżivi – Instagram qiegħed għall-elementi viżivi
- Iżżomm il-posts qosra
- Tuża kemm tista' hashtags relatati mal-kontenut tal-post tiegħek #
- Tissepara l-messaġġ ewlieni u l-hashtags tas-suġġett
- Tippromwovi lilek innifsek b'mod eċċessiv

X'm'għandekx tagħmel

- Tinkludi links fil-posts tiegħek fuq Instagram (ma tistax tikklikkja fuq il-links fuq il-posts ta' Instagram)

Mudell ta' post

Qed norganizzaw avveniment tal-Ġimgħa #EUVocationalSkills fi *[daħħal il-bandiera tal-pajjiż].* L-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali jgħinuk issib xogħol aħjar. Qatt mhu tard wisq biex titgħallem! Lest biex #DiscoverYourTalent?

#EUVocationalSkills Week

#vocationalskills #youaretalented #talent #skills #EU #greendeal #digitalskills #training #goals #motivation #success #vocationaltraining #learninganddevelopment #edtech #qualityeducation #digitaltools #jobadvice #successfulfuture

X'għandek u x'm'għandekx tagħmel fuq LinkedIn

X'għandek tagħmel

Tippostja kontenut li jżid il-valur għall-udjenza tiegħek: pariri u għajnuniet, kif tagħmel xi ħaġa, tagħlimiet

Tippostja kontenut b'element viżiv: posts b'elementi viżivi jkollhom 3 darbiet l-ammont ta' interazzjonijiet (likes u shares) li jkollhom posts b'test biss

Tippostja vidjows qosra dwar ir-rwol tiegħek bħala Ambaxxatur jew il-messaġġ ewlenin tal-kampanja. Vidjows nattivi (vidjows li jittellgħu direttament fuq il paġna ta' LinkedIn tiegħek) huma 5 darbiet aktar probabbli li jwasslu biex in-nies jagħmlu like jew jaqsmu l-kontenut tiegħek.

Taqsam l-aħbarijiet mis-sit web tal-EVSW

Tħallat l-udjenza tiegħek ta' Facebook ma' dik ta' LinkedIn

X'm'għandekx tagħmel

Mudell ta' post

Bit-taħriġ vokazzjonali, in-nies jitgħallmu u jagħmlu progress b'mod kontinwu, jibnu l-ħiliet u l-kunfidenza tagħhom.

Il-kumpaniji għandhom lakuni fil-ħiliet. L-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali jimlew dawn il-lakuni. Saħħaħ in-negozju tiegħek b'apprendiment kontinwu u b'impjegati b'ħiliet imtejba – din sitwazzjoni fejn jirbaħ kulħadd.

Skopri kif tista' tingħaqad magħna u tgħin lill-impjegati tiegħek jużaw it-talenti tagħhom b'mod aħjar.
Ikklikkja hawn.

#DiscoverYourTalent #EUVocationalSkills

IKKUNTATTJANA

Ikkuntattjana bi kwalunkwe mistoqsija li jista' jkollok. Huwa l-pjaċir tagħna li ngħinuk:

Email: empl-vocational-skills-week@cecoforma.com

Telefon: +32 471 663857

@EU_Social

@EuropeanYouthEU

#EUVocationalSkills

#DiscoverYourTalent

@SocialEurope

@EuropeanYouthEU

Sit web: ec.europa.eu/social/vocational-skills-week

Netcompany-Intrasoft/Cecoforma/Action f'isem il-Kummissjoni Ewropea. L-immaġnijiet kollha cShutterstock, 2022.